DATA/DATI TAL-AWDIZZJONI .................................... ĦINIJIET ................. POST: ............................................

ISEM TAL-PRODUZZJONI .................................... DATA/DATI ....................................

DIRETTUR/REĠISTA: ................................

*Notamenti*

## U L-ANĠLU ĦABBAR

*3 Att, 8 Xena, p.120 (f/F)*

## KAREN

**IS-SAĦNA TAL-MUMENT.**

Għalik għadhom kapolavuri, hux hekk? Li ġara – iċ-ċirkustanzi – ma jibdlux il-fatt li huma xogħol eċċellenti! Tiftakar x'għidtli meta rajt l-ewwel wieħed?... U dak li għidtlu lil D'Anastasi nittama. Dak li għidt lili l-ewwel darba, għidtu lilu wkoll...

/ Ah! Fis-saħna tal-mument! Tajjeb. Qed nifhem iva... *(tixrob)* Qed nifhmek tajjeb, Aldo. Ħallejt is-saħna tal-mument ixxelliflek l-opinjoni artistika tiegħek, tgħammadlek is-sagra intellettwalità tiegħek!... Qed nifhem. U hu - staqsiek lilek hu jekk jogħġbukx?

/ U int m'għidtlux. Għax kont taf, hux? Kont taf li jekk ma tgħidlu xejn int, jassumi li għax mhumiex tajbin! Jew mhumiex tajbin biżżejjed.

*ALDO: Le. Ħaseb biss li qed inkun prudenti dak li għandu jaħseb. Li ma rridx nidher li qed inkun parzjali minħabba raġunijiet personali.*

/ Għaliex għandhom jaħsbu li hemm xi ħaġa personali bejnietna? Int qatt m'għidtlu le, dwari u dwarek? U dwar x'hemm bejnietna? *(<143)*

**ĦIN** MASSIMU ........... MINIMU ............

**PROPS** ............................................................

**VIS Á VIS** LE ☐ IVA ☐ = ..............................

**SILTA** DRAMMATIKA, KOMIKA, KANTATA, ŻFIN.

PDF p.120